MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 644/1998/1

**Inez Debono armla minn Alfred u David, Paul, Marisa xebba u Rosette Formosa, ahwa Debono u wlied il-mejjet Alfred Debono.**

**-vs-**

**Victoria Vincenti.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-27 ta' Marzu, 1998 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi fil-25 ta' April 1997 miet f'incident stradali Alfred Debono li jigi zewg l-attrici Inez Debono u missier l-atturi l-ohrajn, liema ncident okkorra fin-Naxxar;

Illi dan l-incident stradali okkorra bi htija esklussiva tal-konvenuta, li dakinhar kienet qeghda ssuq il-vettura taghha bi traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident l-atturi sofrew id-danni u l-konvenuta nterpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Frar 1998 sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni baqghet inadempjenti; anzi irrespingiet it-talbiet ta' l-atturi bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi allura kellha ssir din il-kawza biex mhux biss tigi stabbilita r-responsabbilita' izda wkoll biex jigu likwidati d-danni;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. tiddikjara li l-incident stradali tal-25 ta' April 1998 f'Naxxar Road li fih tilef hajtu Alfred Debono okkorra bi htija esklussiva tal-konvenuta stante li kienet qeghda ssuq il-vettura taghha bi traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi okkorrendo b'opera ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-atturi s-somma hekk likwidata bl-imghaxijiet legali skond il-ligi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' Frar 1998 u bil-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta pprezentata fis-26 ta' Awissu, 1998 li permezz taghha eccepiet;

1. Illi preliminarjament l-atturi ma gabu l-ebda prova biex juru illi huma l-eredi tal-mejjet Alfred Debono.

2. Illi fit-tieni lok l-incident in kwistjoni ma garax tort u htija tal-eccipjenti izda gara unikament tort u htija tal-mejjet Alfred Debono u dana kif sejjer jigu pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda amont ma huwa dovut lill-eredi tieghu bhala danni risultanti mill-incident in kwistjoni.

4. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbali tas-seduti li saru quddiem il-perit legali Dottor Joseph Zammit McKeon u r-rapport ta’ l-istess perit.

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet tal-konvenuta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta’ Mejju, 2006 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jitolbu li l-konvenuta tigi dikjarata responsabbli ghall-incident stradali msemmi fejn miet Alfred Debono, zewg l-attrici Inez Debono u missier l-atturi l-ohra. Il-konvenuta qed tichad ir-responsabilita’ ghall-incident. Ghalhekk trid qabel xejn tigi stabbilita r-responsabilita’ ghall-incident.

**Responsabilita’**

L-incident in kwistjoni sehh fi Triq San Pawl in-Naxxar vicin ir-residenza tal-Ambaxxatur tar-Renju Unit. L-attrici kienet tiela lejn in-Naxxar u l-konvenut kien qed jaqsam it-triq.

L-espert legali wasal ghall-konkluzjoni li l-konvenuta kienet responsabbli ghall-incident. Huwa wasal ghal din il-konkluzjoni ghaliex *il-konvenuta osservat il-movimenti kollha tal-*

*pedestrian; kien il-hin kollu 'in plain view'. Kien diga' beda jaqsam it-triq meta hija qorbot lejh. Kien jinkombi lilha d-dmir li tesercita 'proper look out' massima u tirregola s-sewqan taghha (inkluz il-velocita') ghac-cirkostanzi tal-mument. ... una volta il-pedestrian kien diga qasam sa nofs it-triq hi ma kellha ebda dritt tissopponi xejn hlief li tahseb biex tieqaf u thallih jaqsam il-wisgha kollha tat-triq. Imbaghad u mbaghad biss tkompli sejra.*

Il-perit legali kkonkluda illi l-versjoni li tat il-konvenuta waqt is-smigh tal-provi illi l-mejjet bhal ittituba u resaq lura ma kinitx kredibbli u dan ghal hafna ragunijiet. Kif qal il-konvenuta kienet l-uniku xhud li rat x'gara fit-tieni parti tat-traversata tal-mejjet izda l-versjoni li tat la kienet kompatibbli ma' dak li xehdet fl-inkjesta u lanqas ma' cirkostanzi ohra illi rrizultaw waqt l-inkjesta magisterjali (fol 113). Skond il-perit, *jirrizulta li kien biss fl-affidavit illi l-konvenuta tissopponi li Debono ha pass lura u laqat il-mera tax-xellug. Dettall tant rilevanti ma jirrizultax li qatt semmietu qabel. Kieku kienet il-mera li laqtet lill-pedestrian huwa inverosimili li l-incident kien ikollu l-effetti u l-konsegwenzi riskontrati.*

Bhala punt ta' dritt ghandu jinghad illi il-*pedestrian* u s-sewwieq ghandhom l-istess responsabilitajiet fit-triq u cioe' illi jkunu zguri li l-moviment taghhom ma jkunx ta' periklu. Persuna li qed taqsam it-triq ghandha jkollha l-istess kura tas-sewwieq ghaliex it-triq hija ghall-uzu ta' kulhadd. Naturalment pero' billi s-sewwieq ghandu f'idejh vettura li zgur hija iktar b'sahhitha u veloci mill-bniedem irid jiehu dan il-fatt in konsiderazzjoni. Ma jistax jekk jara xi hadd jaqsam it-triq u jkollu kull opportnita' jarah jipprezumi li dik il-persuna ser tieqaf biex thallih jghaddi – irid ikun cert li jkun jista' jghaddi wara li dik il-persuna tkun qasmet minghajr periklu.

Naturalment ukoll persuna li ser taqsam it-triq trid tkun certa li ser taghmel dan minghajr periklu u ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li vettura hija iktar veloci u minhabba f'hekk ma tistax titwaqqaf f'daqqa mis-sewwieq. *Ma tesisti*

*ebda forma ta' presunzjoni ta' dritt favur il-pedestrian meta dan ikun involut f'incident ma' vettura. Ghall-kuntrarju l-kejl li bih jehtieg li titqies ir-responsabilita' jibqa' dak klassiku tad-determinazzjoni ta' x'kienet il-kawza prossima u mmedjata ta' l-incident u x'kien il-fatt determinanti li pprovokah. Hu car li kemm il-pedestrian u kemm is-sewwieq ghandhom drittjiet u responsabiltajiet bhala utenti tat-triq.* (Prim'Awla Anthony Galea vs Domenic Zammit deciza fit-30 ta' Mejju, 2001).

F'din is-sentenza l-Qorti elenkat tlett principji fir-rigward tar-responsabiltajiet tas-sewwieq fi kliem il-Qorti tal-Kassazjoni Taljana u cioe'

*Che il conducentie per motivi estranei a ogni suo obligo di diligenza sia venuto a trovarsi nella oggettivita' impossibile di avvisare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*
*Che i movimenti del pedone siano cosi rapidi e inattesi da farlo convergere all'improvviso sulla traettoria del veicolo;*
*Che nessna infrazione delle norme di ccolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente*.

Fi kliem iehor *jekk il-pedestrian ikun negligenti pero' dan ma jassolvix lid-driver tal-karozza milli juza dak il-grad ta' reasonable care li tehtieg. Dan kollu jinghad sakemm ma tkunx giet kreata mill-pedestrian lid-driver emergenza subitanja imprevedibbli li irrendiet impossibli azzjoni evasiva tempestiva.* (Appell Kriminali Pulizija vs J Farrugia XLIII- pt 4 pagna 1023).

Fil-kaz in ezami ma tirrizulta ebda azzjoni da parti tal-mejjet li setghet poggiet lill-konvenuta f'din is-sitwazzjoni. Kull ma gara kien li l-mejjet qasam it-triq u l-konvenuta ma

kinitx f'posizzjoni li twaqqaf il-vettura taghha anzi kkalkolat li setghet tibqa' ghaddejja – kalkolu errat li ikkaguna s-sinistru. Fi kliem il-perit legali, *id-dinamika tal-impatt kien wiehed qawwi. Ma kienx impatt ta' vettura li kienet qed thejji biex tieqaf jew ta' vettura li kienet naqset il-velocita' taghha. Ix-xhieda okulari*

*(Alamango u Richardson jaghmlu enfasi fuq vjolenza ta' impatt. Il-konvenuta ma uzatx bizzejjed diligenza waqt li l-pedestrian kien qed jaqsam. L-indecizjoni taghha kienet fatali. B'ebda mod ma gab ruhu fil-konfront taghhha b'mod li holqilha emergenza... Una volta il-pedestrian ma kienx xi intruz izda utent tat-triq il-prdenza kienet titlob li thallih jaqsam it-triq kollha mbaghad tkompli ssuq.* Il-Qorti ghalhekk tikkondividi ghal kollox l-konkluzjoni tal-perit legali li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident.

**Danni**

Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni kif hu maghruf kien hemm diversi modi li gew mahdma mill-Qrati taghna f'dawn l-ahhar snin ghalkemm il-bazi baqghet dejjem is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1967 fl-ismijiet <u>Butler vs Heard</u>. Dawn l-ahhar sentenzi mhux dejjem kienu uniformi u dan forsi minhabba t-tentattivi ta' kull gudikant sedenti li jasal ghal konkluzjoni gusta kemm jista' jkun.

Il-perit legali hadem fuq *multiplier* ta' tmien snin minhabba li l-mejjet kellu erbgha u sittin (64) sena meta gara l-incident. Huwa kien pensjonant izda kien jaghmel xoghol *part time* ma' ibnu stess u kien jaqla' bil-pensjoni b'kollox tlett elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm3,600) fis-sena – din is-somma ma gietx kontestata. Id-difensur tal-konvenuta fin nota tieghu argumenta li billi l-attrici Inez Debono fil-fatt qed tiehu pensjoni tlieta u ghoxrin Lira Maltin (Lm23) inqas milli kellu zewgha dan ghandu jkun l-ammont li fuqha ghandha tigi konsidrata s-somma pagabbli bhala danni, oltre d-dhul mix-xoghol *part time.* Dan huwa argument li jista' jaghmel sens f'terminu ciniku izda mhux f'kazijiet simili. Il-Qorti taqbel mal-fatt li d-danni ghandhom

jigu konsidrati fuq is-somma ta' tlett elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm3,600) izda fuq perjodu ta' sitt snin, billi kif sewwa osserva l-istess difensur, normalment il-*multiplier* jinhadem sa sebghin (70) sena. Dan naturalment f'kaz fejn il-mejjet jew dannegjat ma jkollux diga' dik l-eta' ghaliex imbaghad ikollhom jidhlu konstatazzjonijet ohra.

Il-Qorti pero' mhux ser tahdem tnaqqis ghall-hlas f'daqqa ghaliex jidhrilha li billi l-atturi ilhom li bdew il-kawza mill-1998, dan ma ghandux japplika, fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi. Taqbel pero' li ghandha titnaqqas hamsa u ghoxrin (25) fil-mija ghall-konsum personali tal-persuna li mietet. Ghalhekk is-somma finali tigi tlett elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm3,600) ghal sitt darbiet (X 6) ghal hamsa u sebghin fil-mija (X 75%) u cioe' sittax-il elf u mitejn Lira Maltin (Lm16,200). Il-Qorti taqbel ukoll li l-attrici Inez Debono bhala mart il-mejjet ghandha tigi akkordata tlett kwarti minn din is-somma tnax-il elef u mija u hamsin Lira Maltin (Lm12,150) u l-atturi l-ohra jaqsmu li jibqa' u cioe' elf, tnax-il Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1012.50) kull wiehed u wahda u dan minhabba li l-imsemmija Inez Debono kienet dipendenti fuq il-mejjet waqt li l-ohrajn jghixu ghalihom pero' bhala uliedu ghandhom ukoll dritt li jigu kompensati.

**Konkluzjoni**

**Il-Qorti ghalhekk fil-waqt li tichad l-eccezzjonjiet tal-konvenuta, tiddikjaraha responsabbli ghall-incident in kwistjoni u tikkundannaha thallas lill-attrici Inez Debono is-somma ta' tnax-il elf, mija u hamsin Lira Maltin (Lm12,150) u lill-konvenuti l-ohra kull wiehed u wahda s-somma ta' elf, tnax-il Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1012.50).**

**L-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------